ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Rotta 3

## IR-RABA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Option*) IL-ĦIN: SIEGĦA U NOFS

**Isem:** ____________________ **Klassi:** ____________

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' taqsimiet (A, B, Ċ u D). L-istudenti jridu jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

### Taqsima A

**Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb fid-dettall il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:**
*Is-settur turistiku Malti huwa ta' importanza kbira għall-ekonomija lokali. F'dawn l-aħħar snin il-gvernijiet ta' Malta ħadmu kemm felħu biex dan is-settur jibqa' miexi 'l quddiem. Iżda l-2009 kienet sena li fiha Malta, kif ġara f'diversi pajjiżi madwar id-dinja, intlaqtet minn* ***riċessjoni*** *ekonomika. Kien hemm nies li bdew jivvjaġġaw inqas, u min siefer beda jonfoq inqas ukoll. Għalhekk Malta ħasbet għal dan billi beda jsir aktar* marketing *ta' pajjiżna ħalli aktar linji tal-ajru* low cost *jibdew itiru minn u lejn Malta. Tfasslu wkoll skemi biex is-settur privat jagħti l-aħjar sehem tiegħu f'dan is-settur.*

1. X'tifhem bil-kelma **riċessjoni**? (5 marki)
2. Malta tiddependi ħafna mill-industrija tat-turiżmu. Kif ġiet affettwata din l-industrija minħabba r-riċessjoni? (5 marki)
3. Permezz ta' **ĦAMES** suġġerimenti, spjega x'nistgħu nagħmlu bħala pajjiż u bħala ċittadini biex nerġgħu nsaħħu l-industrija tat-turiżmu f'Malta. (5 marki)
4. Semmi l-**ERBA'** setturi tal-ekonomija f'Malta u agħti eżempju ta' industrija minn kull settur. (4 marki)
5. Liema settur sar jipprovdi l-iżjed xogħlijiet u liema naqas ħafna? (6 marki)

**25 marka**

### Taqsima B

**Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb fid-dettall il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:**

*Ir-rapport ippreżentat mill-Kummissjoni Internazzjonali fi ħdan il-UNESCO dwar l-Edukazzjoni għas-seklu 21, li kellu bħala* Chairperson *tiegħu lil Jacques Delors u li hu magħruf aħjar bħala r-Rapport Delors, jitkellem dwar erba' aspetti importanti ta' tagħlim:*

*a) nitgħallmu biex insiru nafu;*
*b) nitgħallmu biex naġixxu;*
*c) nitgħallmu biex ngħixu flimkien, u*
*d) nitgħallmu biex inkampaw.*

*Imma fl-1988 l-Aġenzija OXFAM ippreżentat il-kurrikulu tagħha, fejn saħħet dan ir-rapport billi żiedet il-ħames kolonna tal-edukazzjoni, dik li:*

*e) titgħallem biex iġġib il-bidla.*

*Illum il-ġurnata huwa importanti li l-edukaturi jkunu jafu li l-bidla tibda minna nfusna. Huma biss in-nies 'ġodda' li huma kapaċi jkunu innovattivi u jġibu l-bidla.*

**Silta meħuda minn *Global Citizenship Education***

1. Għaliex huwa importanti li persuna titgħallem iġġib il-bidla? (5 marki)
2. Il-ħajja tal-lum saret waħda mgħaġġla u dinamika, u għalhekk sirna nitkellmu dwar edukazzjoni tul il-ħajja. Għaliex din saret importanti? (5 marki)
3. Ngħidu li l-iskola hi l-aġent sekondarju tas-soċjalizzazzjoni. Għaliex? (5 marki)
4. Hemm żewġ forom ta' tagħlim: dak formali u dak informali. Spjega dawn iż-**ŻEWĠ** forom ta' tagħlim. (4 marki)
5. Barra l-importanza li tingħata lill-edukazzjoni taż-żgħażagħ, Malta toffri diversi opportunitajiet ta' tagħlim għall-membri l-oħra tas-soċjetà. Taf issemmi lil min jiġu offruti forom oħra ta' tagħlim barra dawk obbligatorji għat-tfal? (6 marki)

**25 marka**

## Taqsima C

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin fid-dettall:**

1. Għalkemm ngħidu li l-familja hi l-aġent primarju tas-soċjalizzazzjoni, il-*peer group* u l-*mass media* huma wkoll aġenti importanti tas-soċjalizzazzjoni fid-dinja tal-lum. Iddiskuti. (5 marki)
2. Gruppi ta' pressjoni bħat-*trade unions* u gruppi ambjentalisti huma gruppi li kapaċi jġibu l-bidla soċjali. Iddiskuti. (5 marki)
3. X'tifhem b'**edukazzjoni inklużiva**? (5 marki)
4. Agħti eżempju **WIEĦED** ta' organizzazzjoni governattiva, non-governattiva jew reliġjuża li tieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' dawn il-gruppi fis-soċjetà Maltija: ir-refuġjati, persuni taħt l-influwenza tad-droga, il-familji ta' persuni fil-faċilità korrettiva ta' Kordin, iż-żgħażagħ, u pazjenti li huma morda bil-kanċer. (5 marki)
5. L-istratifikazzjoni soċjali hi differenti mill-istratifikazzjoni ġeoloġika għax mhix fissa bħal dik tal-blat. Iddiskuti. (5 marki)

**25 marka**

## Taqsima D

**Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb komponiment dwaru f'madwar 250-280 kelma:**

1. Spjega kif il-familja kontemporanja nbidlet biex tadatta għall-ħajja tal-lum. **25 marka**

2. *L-Istituzzjoni tal-Gvern hi maqsuma fi tlieta: il-Leġiżlatura, l-Eżekuttiv u l-Ġudikatura.* Iddiskuti is-sehem ta' kull **WAĦDA** minnhom fis-sistema demokratika governattiva. **25 marka**

3. *L-ambjent demokratiku huwa possibbli biss meta l-poplu jitgħallem jgħix id-demokrazija.* Iddiskuti kif int tista' tgħix bħala ċittadin attiv fil-lokalità tiegħek u f'pajjiżek. **25 marka**

4. *F'Malta r-reliġjon kienet minn dejjem influwenza qawwija fuq il-kultura.* Dan għadu jgħodd illum? Iddiskuti. **25 marka**